MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tad-29 ta' Mejju, 2009

Appell Civili Numru. 452/2004/2

**Emanuel Ellul u Carmen Ellul**

**v.**

**Charles Mizzi u Angela Mizzi**

**Il-Qorti:**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-atturi fl-24 ta' Gunju 2004 li tghid hekk:

"Peress illi l-konvenuti jikru minghand l-atturi l-hanut bl-isem "Prominent Bar & Restaurant", numru 387, fi Mdina

Road, Qormi bil-kera u bil-kundizzjonijiet indikati fl-iskrittura bejn il-kontendenti datata 25 ta' April 2001.

"Peress illi l-istess konvenuti naqsu li jhallsu l-kera tal-hanut imsemmi ghall-iskadenzi li ghalqu fl-1 ta' Awwissu 2003 u fl-1 ta' Novembru 2003, fl-1 ta' Frar 2004, u fl-1 ta' Mejju 2004.

"Peress illi skond l-imsemmija skrittura f'kaz ta' morozita` fil-hlas ta' tlett skadenzi ta' kera u l-kerrejja jibqghu hekk moruzi fil-hlas wara li jigu mitluba jhallsu b'ittra ufficjali s-sidien ikollhom dritt li jitolbu t-terminazzjoni tal-kirja.

"Peress illi permezz ta' ittra ufficjali datata 26 ta' April 2004, l-istanzi interpellaw lill-konvenuti sabiex ihallsu l-arrettrati rapprezentati minn tlett skadenzi tal-kera tal-hanut 'Prominent Bar & Restaurant', Mdina Road, Qormi, li ghalqu fl-1 ta' Awwissu 2003, fl-1 ta' Novembru 2003 u l-1 ta' Frar 2004.

"Peress illi l-konvenuti xorta wahda kienu baqghu ma hallsu xejn minkejja l-interpellanza ufficjali, u baqghu ma halsux ukoll l-iskadenza tal-kera li ghalqet fl-1 ta' Mejju 2004.

"Peress illi l-istess konvenuti jaghtu wkoll lill-atturi s-somma ta' Lm1,462.83 *import* ta' tlettax-il kambjali gja` skaduti li jirrapprezentaw parti mill-korrispettivi miftiehem fl-imsemmija skrittura ta' lokazzjoni.

"Peress illi inoltre l-istess konvenuti ghandhom jaghtu lill-atturi s-somma ta' Lm318.55 bhala rifuzjoni tal-hlas da parti ta' l-atturi tal-permessi fuq l-istess hanut ghal perjodu tal-lokazzjoni.

"Peress illi l-konvenuti baqghu inadempjenti minkejja diversi interpellanzi.

"Jghidu ghalhekk l-istess konvenuti ghaliex ghar-ragunijiet premessi din il-Qorti m'ghandiex:-

"1. tiddikjara li l-konvenuti baqghu moruzi fil-hlas tal-ekwivalenti ta' tlett skadenzi ta' kera, jew aktar, tal-hanut "Prominent Bar & Restaurant", numru 387, fi Mdina Road, Qormi.

"2. tordna x-xoljiment tal-lokazzjoni tal-istess hanut "Prominent Bar & Restaurant", numru 387, fi Mdina Road, Qormi.

"3. konsegwentement tordna lill-istess konvenuti sabiex fi zmien qasir u perentorju li jigi stabilit minn din il-Qorti, jizgumbraw mill-istess hanut.

"4. tillikwida l-hlas dovut mill-konvenuti (i) bhala arretrati ta' kera, kif ukoll tal-kera kollu dovut sad-data tax-xoljiment tal-kirja tal-hanut imsemmi, u (ii) bhala rifuzjoni ta' hlasijiet maghmula mill-atturi ghall-permessi fuq l-istess hanut kif fuq inghad.

"5. tikkundana lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-atturi l-ammont hekk likwidat.

"6. tikkundana lill-istess konvenuti sabiex ihallsu lill-atturi s-somma ta' Lm1,462.83 *import* ta' tlettax-il kambjali skaduti kif fuq inghad.

"Bl-ispejjez komprizi tal-ittri interpellatorji tal-15 ta' Frar 2003, l-10 ta' Novenbru 2003, u t-2 ta' Frar 2004, tal-ittra ufficjali tas-26 ta' April 2004, u tal-mandati qed jigu prezentati kontestwalment, u bl-imghaxijiet legali mid-dati ta' meta l-hlasijiet imsemmija kienu dovuti sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenuti li huma ngunti minn issa ghas-subizzjoni."

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti, minnhom prezentata fit-13 ta' Awwissu 2004 (fol. 24), li in forza taghha ecepew illi;

"1. Illi l-atturi, kieku kien validu l-kuntratt, kienu huma stess inadempjenti fl-obbligi taghhom, u ghalhekk l-esponenti ma jistghux jitqiesu li kienu moruzi fil-hlas.

“2. Illi f’dan il-kaz, ghandu jigi annullat l-istess kuntratt minhabba l-inadempjenza da parti tal-atturi, u dikjarat ukoll null minhabba l-qerq (truffa) pratikat mill-istess atturi.

“Salvi ecezzjonijiet ohra.”

Rat li peress li l-konvenuti ecepew in-nuqqas ta’ validita` tal-ftehim ta’ lokazzjoni tal-25 ta’ April 2001, il-Prim Awla tal-Qorti Civili kienet, b’digriet tal-1 ta’ Novembru 2004, ordnat lill-konvenuti biex, jekk kienu ghadhom isostnu l-eccezzjoni, iressqu l-lamentali taghhom b’kawza *ad hoc*; wara li sar appell minn dak id-digriet, din il-Qorti, b’sentenza tal-11 ta’ Marzu 2005, ikkonfermat id-digriet tal-ewwel Qorti u tat zmien lil konvenuti biex, jekk iridu, iressqu kawza fejn jitolbu dikjarazzjoni ta’ nullita` tal-kuntratt ta’ lokazzjoni;

Rat li l-konvenuti ma ressqux kawza fit-termini ta’ dak provdut fis-sentenza ta’ din il-Qorti, bir-rizultat li l-aggravju rigwardanti l-validita` tal-iskrittura ta’ lokazzjoni ma tistax tigi aktar ikkunsidrata;

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta’ Marzu 2007 li in forza taghha ddecidiet il-kawza fis-sens li gej:

“…tiddikjara li l-konvenuti baqghu moruzi fil-hlas ta’ tliet skadenzi kera tal-hanut “Prominent Bar & Restaurant”, numru 387, fi Mdina Road, Qormi.

“Tordna x-xoljiment tal-lokazzjoni tal-istess hanut “Prominent Bar & Restaurant”, numru 387, fi Mdina Road, Qormi.

“Tordna lill-konvenuti biex fi zmien xahar jizgumbraw mill-istess hanut.

“Tillikwida l-hlas li kien dovut mill-konvenuti

“(i) bhala arrettrati ta’ kera, kif ukoll tal-kera kollu dovut sad-data tax-xoljiment tal-kirja tal-hanut imsemmi kif

jidher specifikat dettaljatament fuq dokument EE1 a fol. 36 tal-process u ghalhekk jammonta ghal Lm5,509.38; u

“(ii) bhala rifuzjoni ta’ hlasijiet maghmula mill-atturi ghall-permessi fuq l-istess hanut kif fuq inghad li skond l-istess dokument jammontaw ghal Lm441.92.

“Tikkundana lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-atturi l-ammonti hekk likwidati.

“Tikkundanna lill-istess konvenuti sabiex ihallsu lill-atturi s-somma ta’ Lm1,462.83 import ta’ tlettax-il kambjali skaduti.

“Spejjez kontra l-konvenuti solidalment u bl-imghaxijiet.”

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

“Ikkunsidrat illi l-***punto di partenza*** f’din il-kawza huwa l-ftehim li sar bejn il-partijiet permezz ta’ skrittura ta’ lokazzjoni datat 25 ta’ April 2001, fejn l-atturi krew lill-konvenuti l-hanut bl-isem ‘Prominent Bar & Restaurant’ numru 387, fi Mdina Road Qormi. L-atturi pprocedew f’din il-kawza biex jirkupraw ammont ta’ kera mhux imhallas, u konsegwentement talbu li l-lokazzjoni tal-istess hanut tigi xolta u sabiex l-atturi jizgumbraw mill-istess hanut, u kif ukol saret talba ghas-somma ta’ Lm1, 462.83 import ta’ 13-il kambjali skaduti.

“Illi l-konvenuti ecepew li l-konvenuti ma jistghux jitqiesu moruzi fil-hlas, ghax l-atturi kienu inadempjenti fl-obbligi taghhom, u fit-tieni lok, gie ecepit li lill-kuntratt ta’ lokazzjoni ghandu jigi dikjarat null minhabba qerq tal-istess attur. Izda kif issemma fuq fejn tigi ecepita n-nullita` ta’ kuntratt minhabba vizzju tal-kunsens, din ghandha tigi proposta jew b’azzjoni separata jew permezz ta’ kontro-talba. Ghalhekk din it-tieni eccezzjoni hija sorvolata. Ghalhekk biex jikkontradicu t-talbiet attrici jrid jigi ezaminat dak li jghidu l-konvenuti li ma jistghux jitqiesu li kienu moruzi fil-hlas billi l-atturi naqsu li jadempixxu l-obbligi assunti minnhom bil-kuntratt ta’ lokazzjoni.

"Illi l-atturi sostnew li mill-iskrittura ta' lokazzjoni, mill-24 ta' April 2001 sa Awwissu 2001, il-konvenuti dejjem hallsu l-kambjali, il-mizati tal-permessi u l-kera. Izda, wara Settembru 2001, il-hlasijiet tal-kera bdew jaslu tard u fil-fatt l-ahhar kera thallset f'Mejju 2004 (a fol. 37). Jirrizulta li l-konvenuti gew interpellati diversi drabi biex jaghmlu dawn il-pagamenti fosthom ukoll l-ittra ufficjali a fol. 13, izda l-konvenuti baqghu inadempjenti.

"***Di piu`***, l-atturi, minbarra l-hlasijiet ghall-pendenzi tal-kera, talbu ammont iehor ghall-ispejjez ta' licenzji kummercjali u permessi ghall-attrezzi fil-hanut ghall-perjodu kollu li l-konvenuti kienu qed jokkupaw il-fond (a fol. 36). Kif ukoll, l-ammont ghal sitta u ghoxrin kambjala skaduti mahrugin f'isem l-attur u accettati mill-konvenuta Angela Spiteri (a fol. 14 sa 20).

"F'dan ir-rigward, min-naha taghhom, il-konvenuti naqsu li jgibu provi li jirrabbattu dak sostnut mill-atturi. Illi gie sostnut biss fl-affidavits tal-konvenuti, Charles Mizzi kif ukoll Angela Mizzi li l-atturi kellhom l-obbligu li jdawru l-licenzja tal-hanut in kwistjoni fuq ismu fi zmien sitt xhur, u li kienu naqsu milli jaghmlu dan. Dan inghad proprju minhabba dak li hemm imnizzel fl-iskrittura ta' lokazzjoni, u cioe`, li, "Is-sidien jintrabtu li jissostitwixxu isimhom b'dawk tal-kerrejja ghal dan il-ghan." (a fol. 7). Izda t-terminu ta' sitt xhur ma jirrizulta minn imkien.

"Irrizulta mill-provi li l-licenzja qieghda f'isem Emanuel Ellul u ilha f'ismu mid-9 ta' Gunju 2000 u ma jirrizultax li kien ser ikun hemm '***substitute***' tal-isem mid-dokumenti ufficjali, hekk kif xehed l-Ispettur Ray D'Anastasi. Il-fatt li effettivamnet ma sarx dan is-'***substitute***' tal-isem, ma kienx jippermetti lill-konvenuti li jonqsu mill-hlasijiet minnhom dovuti fosthom ta' pendenzi ta' kera u kambjali.

"F'dan il-kuntest, ta' min isemmi ukoll li "F'kaz li l-kerrejja jkunu morusi fil-hlas ta' tlett skadenzi ta' kera ekwivalenti u jibqghu hekk morusi wara li jigu mitluba jhallsu b'ittra ufficjali s-sidien ikollhom dritt li jitolbu t-terminazzjoni tal-

kera." (a fol. 7). L-Artikolu 1570 tal-Kodici Civili jiddisponi li:

"l-kiri jista' wkoll jinhall, ghad li ma jkunx hemm il-kundizzjoni risoluttiva, jekk wahda mill-partijiet ma tesegwix l-obbligazzjoni taghha;…"
"Indiskutibbilment, il-hall ta' kuntratt u t-terminazzjoni tal-kirja mhumiex l-istess haga. It-terminazzjoni hi korrelatata x'aktarx ma' kirja li qeghda fil-perjodu prezuntiv taghha u allura jekk is-sid jew il-kerrej ikun irid jitterminaha, u jimpedixxi r-rilokazzjoni tacita bizzejjed *"la manifestazione volonta` di una delle parti di non rinnovare l'affitto o di porre termine ad una locazione la cui durata e` presunta e che tale manifestazione di volonta` sia fatta nota alla controparte"* (Ara **Carmelo Cioffi vs Sammy Darmanin,** Appell Sede Inferjuri, 6 ta' Mejju 1986 u **Emanuele Borg vs Dr. Dorothy Scicluna,** Qorti tal-Appell deciza fit-12 ta' Jannar 2005).

"Il-bazi kollu tal-ftehim hija l-iskrittura tal-24 ta' April 2001 dwar il-kirja tal-hanut ghal Lm25 sena bil-Lm11 kuljum pagabbli kull 3 xhur bil-kundizzjoni tas-sostituzzjoni b'isem il-konvenuti fuq il-licenzja tal-hanut. Il-klawsola 12 tispecifika li f'kaz li l-kerrejja jkunu moruzi ghall-hlas ta' tlett skadenzi s-sidien ikollhom id-dritt li jitolbu t-terminazzjoni. L-i***stock*** kien ta' Lm1,245.

"Irrizulta fil-kors tal-kawza li l-konvenuti kienu jiffrekwentaw il-hanut ***de quo*** regolarment qabel ma saret il-kirja. Il-problemi ghall-hlasijiet bdew f'Settembru 2001 u l-hanut anke beda jinfetah tard filghodu u anke diversi prodotti kienu naqsu. Irrizulta anke nuqqas ta' manutenzjoni fil-hanut. L-atturi jinsistu li l-konvenuti huma debituri taghhom fis-somma ta' Lm8,772.14 riferibbli ghal Lm2,820.84 sitta u ghoxrin kambjala skaduti, Lm5,509.38 kera bejn l-1 ta' Awwissu 2003 u s-27 ta' Novembru 2004 u Lm441.92 spejjez ta' licenzji kummercjali u permessi.

"Illi mhemmx kuntrast dwar dawn il-fatti li fil-gran parti jirrizultaw mill-istess dokumenti. Stante li l-atturi talbu li jigu rizarciti mill-konvenuti fir-rigward ta' dawn il-pendenzi ta' kera u kambjali u dan peress li l-ammont mitlub ghad

ma thallasx, ghalhekk il-Qorti ghandha tilqa’ t-talbiet attrici u tordna lill-konvenuti jhallsu dan l-ammont.”

Rat ir-rikors tal-appell tal-konvenuti li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnhom premessi, talbu li din il-Qorti joghgobha;

“……tirriforma s-sentenza appellata, billi tikkonfermaha dwar ir-rexissjoni tal-kuntratt ta’ kiri, b’dan pero` li kien hemm l-inadempjenza principali tal-atturi li gabu l-operat kollu illegali, u tirrevokaha ghall-kumplament. Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-atturi appellati.”

Rat ir-risposta tal-atturi li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnhom premessi, talbu li t-talbiet tal-appellanti ghandhom jigu respinti fis-sens li din il-Qorti tikkonferma ghal kollox is-sentenza tal-ewwel Qorti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-5 ta’ Mejju 2009, f’liema udjenza din il-Qorti ammettiet lill-appellanti ghall-*“cautio iuratoria”*;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

Illi, f’din il-kawza, l-atturi ppremettew li huma krew lill-konvenuti l-fond maghruf bhala “Prominent Bar & Restaurant”, numru 387, Triq Mdina, Qormi, izda l-konvenuti baqghu moruzi fil-hlas tal-ekwivalenti ta’ tlett skadenzi ta’ kera u ghalhekk, fit-terminu tal-iskrittura ta’ lokazzjoni, talbu x-xoljiment tal-istess kirja, il-hlas tal-arretrati tal-kera, ir-refuzzjoni tal-hlasijiet maghmula mill-atturi ghall-permessi fuq l-istess hanut u l-hlas ta’ kambjali. Il-konvenuti wiegbu li huma naqsu milli jhallsu l-kera (u spiccaw biex anke ghalqu l-hanut) peress li l-atturi naqsu li jadempixxu l-obbligu impost fuqhom fil-kuntratt “li jissostitwixxu isimhom b’dawk tal-kerrejja” ghall-iskop tal-gestjoni tal-hanut.

L-ewwel Qorti cahdet l-eccezzjonijiet tal-konvenuti wara li qieset li ma kien hemm ebda inadempjenza da parti tal-

atturi, u laqghet it-talbiet attrici ghax-xoljiment tal-ftehim ta' lokazzjonijiet u ordnat il-hlasijiet mitluba.

Il-konvenuti appellaw, mhux mid-dikjarazzjoni ta' xoljiment tal-kirja, izda mill-ordni tal-hlasijiet maghmula; huma baqghu jsostnu li l-atturi ma wettqux l-obbligi kollha taghhom u kwindi ma kienux obbligati jwettqu taghhom fit-termini tal-principju *inadempleti non est adimplendum*.

Din il-Qorti, pero`, wara li ezaminat il-provi prodotti, ma tarax li tista' taqbel mal-aggravju tal-kovenuti. Anzi l-appell kollu hu wiehed altament fieragh. Kif stqarr l-istess konvenut, l-obbligu tal-atturi kien biss li hu, jigifieri l-konvenut Charles Mizzi, jigi registrat bhala *substitute* sakemm idum jahdem fil-hanut. Issa, kif spjega l-Ispettur D'Anastasi, din ir-registrazzjoni mhix xi haga li tista' issir mill-*license holder* b'mod unilaterali. Dak li jkun ser jigi registrat bhala *substitute* irid l-ewwel imur il-poliklinika tal-Gvern biex isirlu ezami mediku, u wara z-zewg partijiet, jigifieri *l-license holder* u *substitute,* jridu imorru <u>flimkien</u> l-ghassa tal-Pulizija tal-lokal fejn ikun in-negozju u ssir l-applikazzjoni taht il-firma tat-tnejn. F'dan il-kaz, hu veru, il-*license holder* ma kienx l-attur, imma certu Joseph Zammit, izda f'ebda mument ma kien hemm ostakolu biex dan jiffirma l-applikazzjoni. L-attur kemm-il darba pprova jirranga appuntament mal-konvenut halli jmorru l-ghassa tal-pulizija biex isir dak li kellu jsir, u dan jammettih ukoll il-konvenut, izda, daqqa ghal xi skuza u daqqa ghal ohra, il-konvenut qatt ma wasal biex jiftiehem li jmur l-ghassa. Kwindi il-konvenuti ma jistghux jsostnu li l-atturi kienu inadempjenti meta r-raguni ta' dan huwa huma stess!

L-attur ma tahx garanzija li l-licenzja kienet fuq ismu, izda biss li jirregistra lill-konvenut bhala *substitute*. Ma kien hemm ebda problema biex dan isehh. Joseph Zammit kien diga` applika biex il-licenzja li kellu f'ismu iddur ghal fuq l-attur, u dan kien pront jirregistra lill-konvenut bhala *substitute*, pero`, biex dan isehh, kien hemm bzonn tal-kooperazzjoni attiva tal-istess konvenut li, pero`, naqas milli jforniha.

Barra minn dan, l-obbligu tal-inkwilin li jhallas il-kera ma tistax tigi pacuta man-nuqqas ta' sid il-kera li jwettaq l-obbligazzjonijiet tieghu. Fil-kawza **Spinola Development Co. Ltd. v. Conti noe**, deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Novembru 2007 intqal li

*"……il-kera pattwita ghandha dejjem tithallas ghax hija l-korrispettiv tat-titolu lokatizju gawdut mill-inkwilin. Il-ligi tinsisti li l-kera ghandha tithallas, anke jekk is-sid jonqos milli jesegwixxi l-obbligazzjonijiet tieghu, u l-inkwilin ma jistax jagixxi unilateralment u biex "jaghmel tajjeb" ghan-nuqqasijiet tas-sid, izomm lura milli jhallas il-kera.*

*………Omissis………*

*"Fil-kawza fl-ismijiet* ***Abela v. Gauci*** *deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fit-2 ta' Awwissu 1958, il-Qorti qalet illi f'kaz li l-lokatur jikser l-obbligazzjoni tieghu li jassigura lill-inkwilin id-dgawdija pacifika tal-fond ghaz-zmien tal-kirja u ghall-uzu li ghalih il-kirja tkun saret, l-inkwilin jkollu dritt li jitlob ir-rizoluzzjoni tal-kuntratt u l-inkwilin "huwa tenut jhallas il-kera pattwit u ma jistax f'kawza li jaghmillu l-lokatur ghall-hlas ta' dik il-kera jirrifjuta li jhallas dik il-kera." Meta wiehed jigi mcahhad mill-uzu tal-fond lilu lokat, ir-rimedju tieghu huwa, f'kull kaz, ghad-danni u mhux li ma jhallasx il-kera."*

Hekk ukoll, fil-kawza **Pirella Supermarkets Ltd. v. SISA Malta Ltd.**, deciza minn din il-Qorti (Sede Inferjuri) fis-6 ta' Gunju 2008, intqal hekk a propozitu;

*"Premessi dawn il-konsiderazzjonijiet generali u preliminari in meritu tal-effetti tal-kuntratt, ma jistax ma jigix aggunt, ukoll b'mod generali, illi l-ligi komuni taht l-istitut tal-kiri fil-Kodici Civili tipprovdi, mill-anqas f'zewg disposizzjonijiet ta' dan il-Kodici [Artikoli 1541(2) u 1543] meta l-kerrej hu abilitat li jzomm il-kera maghluq biex ikopri l-ispiza tat-tiswijiet li jkun ghamel fil-fond mikri. Minn ebda disposizzjoni ohra taht dan l-istess istitut ma jirrizulta, ad ezempju, illi l-inkwilin jista' jzomm ghandu l-kera dovut minhabba pretiza da parti tieghu ta' xi kompensazzjoni. Ta' l-istess fehma hu wkoll certa gurisprudenza tal-Qrati taghna, kif illustrat fis-sentenzi fl-*

*ismijiet* ***A.I.C Luigi Sansone v. Maria Giuseppina Philips****, Appell, 28 ta' Mejju 1948 u* ***Joseph Borg nomine v. Edgar Galea****, Appell 7 ta' Ottubru 1996. Fit-tnejn l-espressjoni ta' fehma hi fis-sens illi l-kerrej ma jistax marte proprio jippersisti li ma jhallasx il-kera ghaliex min-naha tieghu jippretendi li hu kreditur tal-lokatur u hu ghalhekk intitolat ghat-tpacija. Fil-kaz in ezami, addirittura, din it-tpacija hi imbaghad espressament vjetata."*

Kwindi, f'kull kaz, ghamlu hazin il-konvenuti li, ghar-raguni hi x'inhi, naqsu milli jhallsu l-kera dovuta, specjalment meta tqis li, minghajr problemi ta' xejn, huma thallew igawdu l-uzu tal-fond in kwistjoni.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost mill-konvenuti billi tichad l-istess u tikkonferma *in toto* s-sentenza tal-ewwel Qorti; b'dan li t-terminu ta' xahar impost mill-ewwel Qorti ghall-fini ta' zgumbrament jibda jiddekorri mil-lum.

L-ispejjez kollha tal-kawza ghandhom jithallsu mill-konvenuti appellanti in solidum, u peress li tqis li dan l-appell kien alkwantu fieragh u vessattorju, tikkundanna lill-istess konvenuti appellanti in solidum ghall-hlas ta' spejjez doppji fit-termini tal-Artikolu 223(4) tal-Kap. 12.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------